Avviz Numru CCT 470/11/GZ

**Gabrielle Balzan**

**vs**

**Keith Sultana - Cellcom**

Illum 6 ta' Gunju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00) rapprezentanti prezz ta' 'mobile phone' li ntbaghat ghat-tiswija, l-ispejjez ta' liema s-socjeta' ntimata ddikjaraw illi kienu tar-rikorrenti u dana allavolja l-imsemmi 'mobile phone' kien ghadu kopert bil-garanzija.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Mejju 2010, hija kienet xtrat 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara xi zmien l-imsemmi 'mobile phone' kien waqaf jahdem. Hija kienet tfietu u regghat xeghelitu, wara liema hariglu difett. Ghalhekk, hija kienet haditu lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, fejn impjegata ta' l-istess socjeta' ntimata kienet imliet formola u nformat lir-rikorrenti illi wisq probabbli kienet problema ta' 'connection' u li t-tiswija kienet tkun lesta sa xi gimghatejn ohra u li hija kienet ser tigi nformatha meta t-tiswija tkun lesta. Erbgha (4) gimghat wara, ir-rikorrenti kienet ghadha ma giet informatha b'xejn u ghalhekk ma kienet irceviet l-ebda tip ta' risposta minghand is-socjeta' ntimata. L-impjegata tas-socjeta' ntimata kienet iddiregitha sabiex iccempel lid-direttur, Mr Keith Sultana, li meta hija ghamlet hekk, informaha illi s-socjeta' ntimata kellha bzonn 'part' minn barra li kien jasal bejn sitt (6) jew tmien (8) gimghat ohra, illi huwa kien nesa bit-tali tiswija, u li t-tekniku kien ghadu ma rax il-'mobile phone', fost diversi skuzi ohra. Huwa

qatt ma nforma lir-rikorrenti meta kien ser ikollha l-'mobile phone' lura ghandha. Ir-rikorrenti mbaghad ghamlet kuntatt mal-'customer care' tad-Dipartiment tal-Konsumatur, u wara li gie kkuntatjat Mr Keith Sultana minn tali Dipartiment, huwa allega illi l-'mobile phone' in kwistjoni kellu sinjali ta' dannu fiziku, illi l-'mobile phone' ma setghax jissewwa u li kien ser jipprova jsewwieh pero' a spejjez tar-rikorrenti u li ma setghax jaghti garanzija illi l-'mobile phone' jibda jahdem. L-imsemmi 'mobile phone' kien ghadu kopert bil-garanzija ta' sentejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi l-imsemmi 'mobile phone' ghadu fil-pussess tas-socjeta' ntimata, filwaqt li l-'loan phone' li s-socjeta' ntimata kienet taghtha ghadu fil-pussess taghha.

Ir-rikorrenti ezabiet kopja ta' l-ircevuta tal-'mobile phone' in kwistjoni, iffirmata mill-partijiet u ddatata Mejju 2010, fl-ammont ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00), li giet immarkata bhala Dok.GB.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset milli taghti s-servizzi obligatorji lejn ir- rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna l-'mobile phone' lir-rikorrenti wara li tigi msewwija a spejjez tas-socjeta' ntimata, u jekk l-imemmi 'mobile phone' ma jistax jissewwa, jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna l-'mobile phone' fl-istat li jkun lir-rikorrenti u thallas l-ammont ta' mija hamsa u ghoxrin Ewto (€125.00) lir-rikorrenti, wara liema, qed jordna lir-rikorrenti tirritorna lura l-'loan phone' lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**